***Ruling* mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 496 tat-13 ta' Ottubru 2021 fuq talba tal-Onor. Joseph Ellis dwar il-proċedura segwita mill-Kumitat dwar il-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi Aġġunt li ltaqa' fit-12 ta' Ottubru 2021**

Is-Sedja tagħmel referenza għar-*ruling* mitlub mill-Onor. Joseph Ellis fis-Seduta 495 tat-12 ta' Ottubru 2021 ftit wara li l-Onor. Agius Decelis, Chairperson tal-Kumitat dwar il-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġijiet Aġġunt irrapporta lill-Kamra li fil-laqgħa nru 58 tal-Kumitat li kien mgħajjat biex jiltaqa' dakinhar stess fis-2.00pm:

- l-Abbozz 233 li jemenda l-Att dwar il-Kumpaniji għadda mill-istadju ta' kumitat b'emendi; u li
- l-Abbozz 238 li jemenda l-Att dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ għadda mill-istadju ta' kumitat mingħajr emendi.

Fit-talba għar-*ruling* tiegħu, l-Onor Ellis qal hekk:

> "**ONOR. JOSEPH ELLIS:** Mr Speaker xtaqt inqajjem *point of order* dwar dak li għadu kemm irrefera l-Onor. Agius Decelis. F'dan il-Kumitat, li għadu kif irrefera għalih l-Onor. Agius Decelis, kemm l-Onor. Edwin Vassallo, kif ukoll jien konna miżmumin milli naslu fil-ħin. Avżajna lill-Kumitat. Biss, minkejja li avżajna li se naslu ftit tard, wasalna madwar 20 minuta tard, il-Kumitat ipproċeda u l-Abbozz ta' Liġi Nru 233 ġie diskuss mingħajr ma aħna konna preżenti. Għalhekk, xtaqt inqajjem *point of order*.
>
> **L-ISPEAKER:** Qed titlob *ruling*?
>
> **ONOR. JOSEPH ELLIS:** Qed nitlob *ruling,* iva.
>
> **L-ISPEAKER:** Issa nara daqsxejn x'ġara u ma ġarax u nagħti d-direzzjoni tas-Sedja. Grazzi."

L-Onor. Ellis kien qed jirreferi għal rimarki li ngħadu fil-Kumitat minnu u mill-Onor. Edwin Vassallo hekk kif ġiet konkluża l-konsiderazzjoni tal-aħħar item fuq l-aġenda u ċjoè l-Abbozz ta' Liġi dwar il-Kummerċ.

Mill-verifiki li għamlet is-Sedja jirriżultawlha dawn il-fatti:

- Fis-1.48pm l-Onor. Edwin Vassallo ċempel lis-segretarja tal-Kumitat u informaha li se jittardja u li jekk hemm bżonn ikellem lill-Ministru. Qalilha wkoll li jekk ikun preżenti l-Onor. Joseph Ellis il-Kumitat seta' jibda.
- Fis-2.02pm is-segretarja ċemplet lill-Onor. Joseph Ellis u huwa qalilha li qiegħed *on the way*.
- Fis-2.05pm l-Onor. Vassallo bagħat messaġġ fuq Whatsapp li kien se jitlaq mill-Mosta.
- Fis-2.08pm hija weġbitu li l-Kumitat kien qed jistenna lil xi ħadd min-naħa tal-Oppożizzjoni. Hija informat b'dan liċ-Chairperson l-Onor. Agius Decelis.
- Fis-2.12pm iċ-Chairperson ċempel lill-Onor. Joseph Ellis. Jidher li qallu li jista' jibda bit-talba.

- Fis-2.13 p.m. ic-Chairperson fetaħ il-laqgħa li għaliha kienu preżenti kienu preżenti l-Membri tal-Gvern kollha u ċjoè l-Ministru Silvio Schembri, l-Onor. Jonathan Attard u l-Onor. Oliver Scicluna.
- Il-Kumitat għadda għall-konferma tal-Minuti u mbagħad għat-tieni *item* fuq l-aġenda, li kien l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kumpaniji – Abbozz Nru 233.
- Fis-2.21pm id-diskussjoni fuq l-Abbozz 233 ġiet konkluża u l-Kumitat għadda għat-tielet *item* fuq l-aġenda, li huwa l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ – Abbozz Nru 238.
- Fis-2.23 p.m. il-Kumitat ġie sospiż.
- Fis-2.25 p.m. daħlu żewġ Membri tal-Oppożizzjoni u ċjoè l-Onor. Joseph Ellis u l-Onor. Edwin Vassallo u l-Kumitat irriżuma d-diskussjoni fuq l-Abbozz 238.
- Hekk kif id-diskussjoni fuq l-Abbozz 238 ġiet konkluża, l-Onor. Vassallo staqsa liċ-Chairperson rigward l-Abbozz 233 u ċ-Chairperson informah li d-diskussjoni fuq dan l-Abbozz ta' Liġi kienet ġiet konkluża. Hawnhekk l-Onor. Vassallo irreġistra l-ilment tiegħu li l-konsiderazzjoni tal-Abbozz 233 saret mingħajr il-parteċipazzjoni tal-Membri tal-Oppożizzjoni u talab li s-Sedja għandha tagħti *ruling* f'dan ir-rigward.

Is-Sedja rreferiet għal dak li jgħidu l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra relattivi għal dan il-Kumitat, senjatament l-Ordni 129 li jgħid hekk:

> "**120B.** (1) B'żieda mal-Kumitati Permanenti elenkati fl-ordni permanenti 120A, il-Kamra tista' taħtar, b'mozzjoni li ssir wara li jingħata avviż, dawk il-kumitati permanenti li jistgħu jenħtieġu sabiex jikkonsidraw abbozzi ta' liġi jew xogħol ieħor miġjub quddiem kumitat permanenti jew lilu riferut mill-Kamra.
> (2) Mozzjoni bħal dik imsemmija fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordni permanenti, għandha:
> (a) tistabbilixxi l-għadd ta' membri li joqogħdu fil-kumitat permanenti, li għandu hekk jintgħamel b'dak il-mod li jidher li jkun prattikabbli għall-Kamra b'hekk li jkun rappreżentattiv b'mod ġust tal-Kamra b'mod ġenerali, u proporzjonali skont l-għadd ta' membri tal-Gvern u tal-Oppożizzjoni b'mod partikolari; u
> (b) tinnomina l-president li għandu jippresjedi l-kumitat permanenti.
> (3) Kull naħa tal-Kamra għandha tinnomina lil dawk il-membri li jkunu se jirrappreżentawha f'kumitat permanenti, u għandha wkoll tinnomina membri oħra li jidħlu minflok il-membri maħtura. Il-membri u dawk li jidħlu minflokhom li jkunu jirrappreżentaw lill-Gvern għandhom jiġu nnominati mill-Kap tal-Kamra, filwaqt li l-membri u dawk li jidħlu minflokhom li jirrapreżentaw lill-Oppożizzjoni għandhom jiġu nnominati mill-Kap tal-Oppożizzjoni. L-ismijiet tal-membri u ta' dawk li jidħlu minflokhom li jkunu ġew hekk nominati u maħtura mill-Kamra, għandhom jitniżżlu fil-minuti tas-seduta.
> (4) Kull naħa tal-Kamra tista' tissostitwixxi lil kull membru jew wieħed li jidħol floku minnha nominat skont il-paragrafu (3) ta' dan l-ordni sabiex jirrappreżentaha f'kumitat permanenti. Dik is-sostituzzjoni jkollha biss effett wara li l-i*Speaker* ikun gie nnotifikat b'dan. L-i*Speaker* għandu, fl-ewwel okkażjoni li jkun hemm, jinnotifika lill-Kamra, jew, jekk il-Kamra ma tkunx qed tiltaqa', lill-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.
> (5) Abbozzi ta' liġi tal-Gvern li jintbagħtu quddiem kumitat permanenti, għandhom jiġu qabel ix-xogħol l-ieħor tal-kumitat permanenti u għandhom ikunu kkonsidrati, kemm-il

darba ma jiġix ordnat mod ieħor mill-Kamra, f'dak l-ordni li l-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra jista' jistabbilixxi."

Is-Sedja rreferiet ukoll għall-Ordni Permanenti 128 li jistabbilixxi l-*quorum* fir-rigward tal-Kumitat inkwistjoni.

> "**128.** Fil-kumitati permanenti u fil-kumitati magħżula kollha, kemm-il darba l-Kamra ma tordnax xort'oħra, jew kemm-il darba ma hux provdut xort'oħra f'dawn l-ordnijiet permanenti, tliet membri tal-kumitat jifformaw quorum. Ebda kumitat ma għandu jibda x-xogħol jekk ma jkunx hemm quorum preżenti u jekk ma jkunx hemm quorum għeluq għaxar minuti mill-ħin stabbilit, jew f'xi żmien iqsar kif jidher lill-membru jew membri li jattendu, il-president jew fl-assenza tiegħu kull membru ieħor preżenti, għandu jistabbilixxi ġurnata u ħin għal-laqgħa ta' wara tal-kumitat b'dan li dik il-laqgħa ta' wara ssir, kemm-il darba ma jiġix ordnat xort'oħra mill-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra, fi żmien is-sebat ijiem ta' wara."

Is-Sedja għamlet referenza wkoll għall-Ordni Permanenti 21(1) u nikkwota:

> "21. (1) Ħlief kif provdut xort'oħra fil-Kostituzzjoni, il-kwistjonijiet kollha mressqa għal deċiżjoni fil-Kamra għandhom jiġu deċiżi b'maġġoranza tal-voti tal-membri preżenti u li jivvotaw."

u għall-artikolu 71(1) tal-Kostituzzjoni:

> "71.(1) Ħlief safejn ikun provdut xort'oħra f'din il-Kostituzzjoni, kull kwistjoni proposta għal deċiżjoni fil-Kamra tad-Deputati għandha tiġi deċiża b'maġġoranza tal-voti tal-membri tagħha preżenti u li jivvotaw."

Is-Sedja tinnota wkoll li l-Membri kienu debitament notifikati bil-ħin li fih kellha tibda l-laqgħa tal-Kumitat, liema ħin kien ukoll aċċettat mill-Membri kollha hekk notifikati, u dan kif rakkomandat mis-Sedja f'diversi *rulings* preċedenti tagħha. Hawn is-Sedja tagħmel referenza għar-*ruling* tagħha tal-4 ta' Frar 2021 u tikkwota:

> "Wieħed irid jara wkoll il-prerogattiva li toħroġ mill-istess responsabbiltà taċ-Chairperson li hija diskussa wkoll fl-Erskine May (23ed) f'paġna 796 ċitat fir-*ruling* li ngħata fis-seduta nru 28 tal-4 ta' Ġunju 2013:
>
> > "*Order in debate in a committee is enforced by the Chairman as he is responsible for the conduct of its business and no appeal from his decision should be made to the Speaker*".
>
> Dan ma jfissirx li Chairman m'għandux b'mod jew ieħor jasal f'konsensus mal-istess Membri tal-kumitat dwar it-tfassil tal-aġenda u li jipprova jara li jkun hemm ftehim u l-kunsens bejn l-istess Membri biex il-laqgħa ssir."

Is-Sedja għaldaqstant jirriżultalha li fl-ebda mument ma kien hemm ksur ta' proċeduri tal-Kamra fil-konsiderazzjoni tal-Abbozz 233 li jemenda l-Att dwar il-Kumpaniji, fi stadju ta' kumitat.

Filwaqt li tagħraf u tirrikonoxxi li Ministri tal-Gvern u l-Membri tal-Kamra ikollhom numru ta' impenji apparti x-xogħol tal-Parlament, hija ttenni r-rakkomandazzjoni tagħha li fejn huwa possibbli u kemm jista' jkun il-Kumitati għandhom jiffunzjonaw b'mod prattiku u li għandu jipprevali l-bonsens.